GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

| PR221463 | 27.10.2022 | 3 |
| --- | --- | --- |

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati jiġi ppreżentat bil-ktieb 'L-istorja tal-ħażna tal-ilma fil-Gżejjer Maltin'***

Steven Mallia, l-awtur tal-ktieb 'L-istorja tal-ħażna tal-ilma fil-Gżejjer Maltin', ippreżenta l-pubblikazzjoni tiegħu lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, Anġlu Farrugia.

F'din il-pubblikazzjoni, l-awtur esebixxa numru ta' ġibjuni li jinsabu madwar il-Gżejjer Maltin, uħud minnhom inbnew fi żmien il-Kavallieri.

L-Ispeaker Farrugia faħħar il-professjonalità tal-awtur li wettaq dan ix-xogħol b'tant dedikazzjoni filwaqt li rringrazzjah tal-ġest nobbli fejn il-qligħ mill-bejgħ ta' din il-pubblikazzjoni ser imur għal Puttinu Cares.